**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, l-Erbgħa, sittax (16) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 43/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**

vs

**Milica Kurcubic**

Il-Qorti rat l-akkużi miġjuba kontra **Milica Kurcubic** ta' wieħed u tletin (31) sena bint Ljubomir and Jelena nee' Pavlovic mwielda Pariġi fit-tnejn (2) ta' Awissu 1993 u residenti Felice Apartments, Triq Trux, Għarb, Għawdex detentriċi tal-passaport Franċiż 12DF65339 talli nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru 2024 għall-habta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filghaxija

(18:45hrs) u fil-ħinijiet ta' qabel waqt li kienet fil-flat BLK D Flt 6 Triq ir-Rabat, Żebbuġ, Għawdex Marsalforn u/ jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

(1) kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f' każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess

verbal tal-inkjesta, hekk kif maħsub f' artikolu 533 *et sequitor* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digrieti li bihom Milica Kurcubic ingħatat il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna li s-somom bħala depozitu u garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat l-ordni tal-Avukat Ġenerali maħruġa a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 sabiex l-akkużata titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex twieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tagħha għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużata irreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatha żmien xieraq sabiex terġa' tikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tagħha;

Semgħet lill-akkużata tikkonferma l-ammissjoni tagħha;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużata hijiex ħatja tar-reati addebitati lilha;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat:

Il-fatti tal-każ kienu s-segwenti: nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru 2024 Carmen Borg għamlet rapport fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex. Hija qalet li hija s-sid tal-appartament internament markat bin-numru sitta (6), Block D, Sunset Apartments, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Għawdex u li l-ġurnata ta' qabel kienet għaddejja mit-triq u rat l-appartament tagħha mixgħul. Dan meta suppost ma kien hemm ħadd f'dak l-appartament. In segwitu għal dan ir-rapport, il-Pulizija marru fuq il-post u ħabbtu fuq il-bieb tal-appartament. Il-bieb infetaħ minn persuna femminili li ġiet identifikata bħala Milica Kurcubic. Minn tfittxija li saret fl-appartament instabu diversi sachets tal-plastik żgħar bi trab abjad suspettat kokajina. Instabu wkoll miżien digital scale u tlett kaxxi panadols. L-akkużata wara li ingħatat id-drittijiet legali tagħha qalet lill-Pulizija li kienet se terfa' r-responsabbilita għalihom hi peress li

fl-appartament kien hemm persuna oħra. Instabu wkoll sitt mija u għoxrin ewro (€ 620) fi flus kontanti li wkoll ġew elevati mill-Pulizija.

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużata, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużata ħatja tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tagħha. Għall-fini ta' piena il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt li l-akkużata ammettiet fi stadju pjuttost bikri tal-proċeduri.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 9, 10, 22(1) u 22(2) tal-Kap 101 u r-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati, fuq ammissjoni tagħha stess, qed issib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha u qed tikkundannah għall-piena ta' **sitt (6) xhur ħabs effettivi** u għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt ewro (€ 500). Mill-piena ta' ħabs li qed tiġi imposta għandu jitnaqqas il-perijodu li l-ħatja għamlet taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23B tal-Kapitolu 9 qiegħda tordna wkoll il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' sitt mija u għoxrin

ewro (€ 620) esebiti fil-kors ta' dawn il-proċeduri stante li dawn huma r-rikavat mir-reati li l-ħatja ammettiet għalihom.

In oltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' ħames mitt ewro (€ 500) mill-garanzija personali stabbilita fil-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti b'digriet tad-disgħa (9) ta' Frar 2023 tal-Qorti tal-Maġsitrati (Malta) ippreseduta mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello kif sussegwentement emendati b'digriet tal-Qorti Kriminali tat-tnejn (2) ta' Mejju 2024.

Billi l-Qorti jidhrilha li l-piena hawn erogata tirrifletti s-serjeta tal-każ u qed jiġi punit adegwatament l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti qed tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-ħatja in konnessjoni mal-proċeduri l-oħra li għandhom pendenti, ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga kollha esebita.

Il-Qorti tirrakkomanda wkoll lid-Direttur tal-Ħabs sabiex joffri l-għajnuna kollha possibbli lill-ħatja sabiex il-ħatja tegħleb il-vizzju tad-droga.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Joseph Grech
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur